MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2012

Numru 1311/2009

Il-Pulizija
(Spettur Ramon Mercieca)

vs

Joseph Baldacchino

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 617256M akkuzat talli :

1. fl- 24 ta’ Settembru 2009 u fil-jiem ta’ qabel din id-data f’dawn il-Gzejjer sraqt senter tal-marka Benellib’numru tas-serje mhassar li jiswa aktar minn mitejn tlieta u tletin ewro (€233) però anqas minn elfejn u hames mitt ewro (€ 2,500) ghad-detriment ta’ persuna

mhux maghrufa liema serq hu aggravat bil-valur tal-haga misruqa;

2. fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi xjentament ilqajt hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentament, b'kull mod li jkun, indhalt biex tmexxihom;

3. fl-istess data, lok u cirkostanzi minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellek fil-pussess jew kontroll tieghek, jew kellek f'idejk jew fuqek, arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu;

4. fl-istess data, lok u cirkostanzi gejt fil-pussess ta' arma tan-nar, jigifieri senter tal-marks Benelli b'numru tas-serje mhassar jew munizzjon, xort' ohra milli b'licenzja u minnufih inqast taghti avviz taghhom lill-Kummissarju tal-Pulizija, halli jordna jekk dik l-arma tan-nar jew munizzjon ghandhomx jinzammu taht idejn il-Pulizija jew taht idejn il-persuna li tkun taht dak l-avviz;

5. fl-24 ta' Settembru 2009 wara it-tlieta ta' wara nofsinhar f'Hal-Farrug kont ghall-kacca waqt stagun maghluq u/jew kellek fil-pussess tieghek munizzjon u/jew arma tan-nar barra l-ghata taghha;

6. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi sparajt fuq tajr imhares bil-Ligi.

7. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ksirt il-kundizzjonijiet imsemmija fil-licenzja tal-kacca/arma;

8. talli sirt recidiv b'sentenza datata 06 ta' Novembru 2000 (Mag. Dr. A Micallef Trigona) liema sentenza hija defenittivi u ma tistghax tigi mibdula.

Il-Qorti hi mitluba li barra il-piena skond il-ligi tordna il-konfiska tal-oggetti esebiti kif ukoll l-iskwalifika milli wiehed ikollu jew jottjeni il-licenzja tal-arma ghall-zmien mhux anqas minn sena.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti.

Ikkonsidrat:

l-akkuzi kontra l-imputat huwa segwitu ta' episodju wiehed fejn l-imputat kien osservat idur ghall-kacca. Il-gurnata kienet l-20 ta' Settembru 2009 wara nofs in-nhar meta l-istagun tal-kacca kien maghluq. Huwa kien gie osservat minn zewg kuntistabbli li huma l- pern tal-provi tal-prosekuzzjoni. Jirrisulta bhala fatt u kif l-imputat gie osservat, kif intqal, iz-zewg kuntistabbli marru ghal fuqu fejn l-kuntistabbli li wasal l-ewwel rah jarmi s-senter inkriminat gewwa tank.

Mill-provi biss l-Qorti tiddecidi li:

- l-ewwel akkuza ma tirrizultax;
- q t-tieni, li hi in alternattiva ghall-ewwel;
- fuq it-tielet issibu hati- tliet xhur prigunerija sospizi ghall-sena bl-appikazzjoni ta' l-Artikolu 28 tal-Kap 9;
- tar-raba ssibu wkoll hati - €300 multa;
- tas-sitt akkuza isibu wkoll hati - €200 multa;
- fir-rigward l-ahhar tlett akkuzi ossija s-seba, tmien u disa akkuzi fin-nuqqas ta provi ma ssibux hati.

Dan wara li rat l-Artikolu 59 (1), 41, 51(2) (8) tal-Kap 480, r-regolament 9 u 25 tal-Avviz Legali 146/93 u l-Artikolu 17 (f) tal-Kap 9, ghalhekk tiddikjarah hati tat-tielet, ir-raba u s-sitt akkuzi u tilliberah mill-bqija.

Il-Qorti spiegat lill-imputat ir-responsabiltajiet tieghu taht is-sentenza.

Rat l-Artikolu 14 tal-Kap 9 u fuq talba tal-imputat mhux opposta tikkoncedilu li jhallas l-ammont b'rati mensili ta' €25 bl-ewwel pagament fl-ahhar ta' April 2012 u

pagamenti konsekuttivi u inninterrotti kull l-ahhar ta’ kull xahar sussegwenti bid-dekadenza fin-nuqqas u konvatibbli s-somma jew kull bilanc f’prigunerija skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------